MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 115/2011

Carmelo Abdilla
vs
Auto Sales Limited (C491)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Auto Sales Limited li bih esponiet:

Illi Carmelo Abdilla ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Nru. 99/2011 kawtelatorju fl-ammont ta' Euro 20,886 kontra s-socjeta` Auto Sales Limited (C491) (Dok. A).

Illi dan il-mandat huwa vessatorju u qieghed jikkaguna danni liema danni jikkonsistu reputazzjoni hazina mal-banek, telf ta' imghax u inabilita` biex juzaw il-flus taghha li qieghed fil-banek.

Illi s-socjeta` Auto Sales Limited hija socjeta` b'reputazzjoni kbira fis-suq Malti. Hija socjeta` li ilha iktar

minn 25 sena agent tal-vetturi Mercedes u Renault fost l-ohrajn. Illi kif jidher minn kopja ta' l-ahhar *accounts* annessa (Dok. B) ma hemm ebda dubju li s-socjeta` li taghti garanzija li jekk tigi ikkundannata biex thallas dan l-ammont mill-Qorti tkun f'posizzjoni li thallas l-ammont imsemmi fil-mandat.

Mandat kawtelatorju jinhareg biex il-kreditur iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu. (artikolu 829 tal-Kap 12).

M'ghandux jinhareg biex igib l-allegat debitur gharkubbtejh, bid-dovut rigward ghad-drittijiet ta' l-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju car li l-kreditu tieghu jista' jgi eluz (kif kien jinghad fir-rikorsi ghall-hrug taghhom antikament, u cioe` qabel ir-rikorsi saru jsiru permezz ta' formoli apposta) ikun jista' jitlob mizuri mahsuba mill-istess ligi biex jipprotegi d-drittijiet tieghu.
(ara **Trends Ltd. vs Slipform Engineering International Ltd. *et***, PA, Imhallef Joseph Azzopardi – 9 ta' Gunju 2010 Rikors 456/2010).

Illi ma hemm, f'dan il-kaz ebda indizju car li l-allegat kreditu jista' jigi eluz u ghalhekk ukoll it-talba ghar-revoka tirrizulta gustifikata.

Ghaldaqstant *ai termini* ta' l-artikolu 836 (1) (b), 836(1) (c) u 836 (1) (e) u 831 1 (f) tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili (Kap 12) ir-rikorrent talbet li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka tal-mandat ta' sekwestru 99/2011 (Dok.A) u fin-nuqqas *ai termini* ta' l-artikolu 838 (A) tal-Kap 12 tordna li l-istess Carmelo Abdilla li jaghti sigurta` sufficjenti ghad-danni li jistghu jsofru u ghal penali.

Rat id-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti, u fosthom l-*Annual Report and Financial Statements* tal-31 ta' Dicembu, 2009 li huma *audited* mid-Ditta PriceWaterhouseCoopers. Minn dawn jirrizulta li t-total ta' l-assi ta' l-imsemmija socjeta` rikorrenti jammontaw ghal €13,111,670. Gew prezentati anke d-*detailed accounts* ta' l-imsemmija socjeta` a fol 39 *et* tal-process.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ Carmelo Abdilla li biha espona:

1. Illi s-sekwestrant ottjena l-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju bin-numru 99/2011 (kopja legali ta’ l-atti tal-mandat mehmuza mar-risposta bhala **'Dok. A'**) fl-24 ta’ Jannar 2011 ghas-somma ta’ ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin Euro (€20,886) u segwa l-istess mandat permezz tal-kawza fuq il-mertu fl-ismijiet premessi (Rikors Guramentat 101/2011 MCH - appuntata ghat-3 ta’ Mejju 2011);

Illi s-somma li s-sekwestrant qieghed ifittex li jikkawtela permezz tal-mandat in kwistjoni tirrapprezenta l-prezz shih ta’ vettura mixtrija minghand il-kumpanija sekwestrata (**'Dok. B'**), liema prezz thallas kollu lill-istess kumpanija sekwestrata (kopji ta’ l-ircevuti mehmuza mar-risposta **'Dok. C'**);

Illi inoltre, il-vettura in kwistjoni llum tinsab depozitata taht l-awtorita` ta’ din il-Qorti permezz tac-cedola ta’ depozitu bin-numru 86/2011 (kopja legali mehmuza mar-risposta **'Dok. D'**), liema vettura fil-prezent tinsab fil-proprjeta` tal-kumpanija sekwestrata fi Triq il-Mosta, Lija, peress li ma tistax tinstaq jekk mhux b’perikolu ghas-sewwieq u l-vetturi u l-persuni l-ohra li jista’ jkun hemm fit-triq.

2. Illi fir-rikors taghha tat-8 ta’ Frar 2011, il-kumpanija sekwestrata qieghda titlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru, u fin-nuqqas li s-sekwestrant jigi ordnat jaghti garanzija sufficjenti ghad-danni li tista’ ssofri l-kumpanija sekwestrata u ghall-penali.

Illi s-sekwestrant iqis li t-talbiet tal-kumpanija sekwestrata ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress li ma tezisti ebda raguni valida u skond il-ligi la sabiex jigi revokat il-mandat in kwistjoni a tenur ta’ l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u lanqas sabiex is-sekwestrant jigi ordnat jaghti garanzija a tenur ta’ l-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi t-talba tal-kumpanija sekwestrata ghar-**revoka tal-mandat** in kwistjoni ghandha tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet:

Illi r-rikors tal-kumpanija sekwestrata huwa msejjes fuq il-premessa li hija kumpanija b'reputazzjoni kbira fis-suq Malti u mill-ahhar *accounts* taghha (kopja ta' liema gewipprezentati in atti) jidher bic-car li jekk tigi ikkundannata thallas is-somma ta' ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin euro (€ 20,886) li s-sekwestrant fittex li jikkawtela permezz tal-mandat in kwistjoni, hija tkun f'pozizzjoni li thallas tali somma.

Illi b'kull dovut rispett lejn il-kumpanija sekwestrata, minn analizi *prima facie* tal-kopja ta' l-*accounts* minnha pprezentata in atti jirrizulta li l-istess kumpanija:

i. Fis-snin 2008 u 2009, l-kumpanija operat b'telf (ara pagna 6 ta' l-*accounts*);
ii. Ghandha problemi ta' *cashflow* u likwidita`; (ara pagna 16 ta' l-*accounts* - *'liquidity risk'*;
iii. Ghandha oltre tliet mijun Euro (€3,000,000) *overdraft* mal-banek, liema dejn huwa min-natura tieghu privileggjat. Ta' min jinnota wkoli li bejn is-sena 2008 u s-sena 2009, dan l-*overdraft* zdied b'madwar tmien mitt elf Euro (€800,000) (ara pagna 21 ta' l-*accounts* - *'Cash and cash equivalents'* u pagna 22 -*'Borrowings'*);
iv. Apparti dan l-*overdraft*, matul is-snin 2008 u 2009, il-kumpanija kellha biss bejn €17,000 u €18,000 fi flus kontanti (ara pagna 21 ta' l-*accounts* -'*Cash and cash equivalents*';
v. Il-kumpanija qieghda tnaqqas l-impjegati. Mis-sena 2008 sas-sena 2009, naqqset l-impjegati minn 85 ghal 74 (ara pagna 24 ta' l-*accounts*).

4. Illi mis-suespost jirrizulta proprju l-kuntrarju ta' dak indikat fir-rikors promotur tal-kumpanija sekwestrata, u cioe` li fir-realta` l-kumpanija sekwestrata tinsab ghaddejja minn zminijiet difficli.

Illi dawn il-problemi huma riflessi wkoll mil-fatt illi in segwitu ghall-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru in

kwistjoni fuq numru sostanzjali ta' sekwestratarji kif jirrizulta mill-atti tal-mandat, ma giet ipprezentata **ebda cedola** ta' depozitu taht l-awtorita` ta' din il-Qorti.

5. Illi kuntrarju ghal dak allegat mill-kumpanija sekwestrata fir-rikors taghha m'huwiex minnu li tali mandat qieghed 'jikkaguna danni liema danni jikkonsistu f'reputazzjoni hazina mal-banek, telf ta' imghax u inabilita` biex tuza l-flus tagltha li qeghdin fil-banek' u li tali mandat sar biex igib lill-kumpanija sekwestrata gharkubbtejha;

Ir-realta` hija li l-kumpanija sekwestrata ma giet imcahhda minn ebda flejjes li kellha depozitati fil-banek u b'hekk m'ghamlet ebda telf ta' imghaxijiet. Inoltre, lanqas giet imcahhda milli uzu tal-flejjes taghha peress li mill-kopja tal-*accounts* minnha prezentati jidher bic-car li hija tahdem u topera b'facilita` bankarja ta' *overdraft*, liema facilita` ma tistax tintlaqat permezz ta' mandat ta' sekwestru (Art 381(1)(g) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Illi l-kumpanija sekwestrata ssejjes it-talba taghha ghat-thassir tal-mandat in kwistjoni, fuq ir-ragunijiet indikati fis-subincizi (b), (c), (e) u (f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(i) Illi l-Artikolu 836(1)(b) jistipula li mandat kawtelatorju ghandu jithassar jekk "wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti" .

Peress li ma jirrizulta li nbidel xejn minn dakinhar tal-prezentata tal-mandat sa llum, u fil-frattemp giet ipprezentata wkoll il-kawza fuq il-mertu, ma jirrizultax li din hija raguni valida sabiex jithassar il-mandat in dizamina.

(ii) Illi l-Artikolu 836(1)(c) jistipula li mandat kawtelatorju ghandu jithassar jekk 'ikun hemm garanzija xierqa ohra, sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni' filwaqt li l-Artikolu 836(1)(e) jistipula li mandat kawtelatorju

ghandu jithassar 'jekk il-garanzija moghtiia titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed'.

Illi in vista tal-fatt li ma gietipprezentata ebda garanzija u/jew cedola mill-kumpanija sekwestrata sabiex tiggarantixxi l-pretensjonijiet tas-sekwestrant, u wisq anqas ma giet ipprezentata ebda cedola ta' depozitu taht l-awtorita` ta' din il-Qorti in segwitu ghall-mandat in kwistjoni, ma jirrizultax li l-istess mandat jista' jigi revokat *ai termini* tas-subincizi (c) u (e) l-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(iii) Illi l-Artikolu 836(1)(f) jistipula li mandat kawtelatorju ghandu jithassar 'jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.'

Illi mis-suespost ma jirrizulta xejn li b'xi mod jista' juri li l-mandat in kwistjoni m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, jew inkella li sehhet xi cirkostanza minn meta nhareg il-mandat li tiggustifika t-tnehhija tal-mandat. Anzi, tali mandat ghandu proprju jibqa' fis-sehh peress li sa llum il-pretensjonijiet tas-sekwestrant ghadhom m'humiex kawtelati, lanqas in parti.

7. Illi l-kumpanija sekwestrata talbet ukoll li fil-kaz li din il-Qorti ma tilqax it-talba taghha ghar-revoka tal-mandat in kwistjoni, is-sekwestrant ghandu jigi ordnat jaghti **garanzija** sufficjenti ghad-danni li tista' ssofri l-kumpanija sekwestrata u ghall-penali a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:

Il-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.

Illi s-sekwestrant iqis li lanqas tali talba m'ghandha tigi milqugha peress li kif spjegat aktar 'il fluq, il-kumpanija sekwestrata ma giet imcahhda minn ebda flejjes li kellha depozitati fil-banek u b'hekk m'ghamlet ebda telf ta' imghaxijiet, u lanqas ma giet imtellfa milli topera l-facilitajiet bankarji taghha. Minn dan jidher bic-car li l-kumpanija sekwestrata ma qieghda ssofri ebda konsegwenza kawza tal-mandat in kwistjoni u b'hekk ma qieghda ssofri ebda dannu.

8. Illi inoltre, 'il-kawza gusta' sabiex sekwestrant jigi ordnat jaghti garanzija ghandha tkun imsejsa fuq ragunijiet serji u impellenti, u li d-danni u l-penali li ghalihom jirreferi l-Artikolu 838A huma dawk id-danni li s-sekwestrant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-mandat, u diment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. (**Francis Spiteri *et* vs Charles Darmanin *et*** -25 t'Awwissu 2010, Rik. 571/2010 JRM). Is-sekwestrant iqis li kieku dan kien il-kaz (li jidher bic-car li m'huwiex) il-kumpanija sekwestrata kienet tipprezenta provi almenu *prima facie* li jsahhu din it-talba taghha.

Illi jekk hemm parti li qieghda ssofri dannu f'dan ir-rigward huwa proprju s-sekwestrant li mhux biss ilu fuq sena li hallas ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin Euro (€20,886) lill-kumpanija sekwestrata ghal vettura mixtrija minghandha, izda llum il-vettura (peress li ma tistax tinstaq bla ebda periklu) tinsab ukoll fil-proprjeta` ta' l-istess kumpanija sekwestrata. B'hekk, fic-cirkostanzi, kwalsiasi ordni lis-sekrvestrant sabiex jaghti xi forma ta' garanzija lill-kumpanija sekwestrata, ma tkunx biss ingusta izda tkun qieghda effettivament tghabbieh b'pizijiet li l-Artikolu 838A jaghmilha cara li jrid jeskludi.

Illi fl-ahharnett is-sekwestrant jirrileva li huwa m'ghamel xejn ghajr li fittex li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu skond il-ligi, u f'ebda hin m'huwa se jopponi ghat-thassir tal-mandat in kwistjoni a spejjez tal-kumpanija sekwestrata jekk din iggib garanzija xierqa (garanzija bankarja jew depozitu taht l-awtorita` ta' din il-Qorti) sabiex tissodisfa s-somma li qieghed ifittex li jikkawtela. Wara kollox, jekk il-kumpanija sekwestrata tinsab f'qaghda finanzjarja tant

tajba u b'sahhitha, certament ma kenitx se tkun problema ghaliha li toffri tali garanzija xierqa. Dan in-nuqqas ukoll jiggustifika li tali mandat ghandu jibqa' mhux mittiefes.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti giet mitluba tichad it-talbiet tal-kumpanija sekwestrata, bl-ispejjez kollha kontriha.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Kif inghad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **Camilleri vs Gove`** ***et***, deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01:

"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad:

"id-dritt ta' kawtela – cjoe` d-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m'huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat". Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix il-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".

Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tezamina jekk dwar l-att attakkat intweriex li l-ammont mitlub ma hux *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv biex jikkawtela d-drittijiet gja ezistenti ta' Carmelo Abdilla u mhux li jigu garantiti d-

drittijiet potenzjali futuri tieghu. Dwar il-**GUSTIFIKAZZJONI** hemm l-allegazzjoni ta' Carmelo Abdilla li l-vettura mixtrija minnu fil-"11 ta' Novembru 2009 hija milquta minn difetti mohbija li ma jhalluhiex tintuza ghall-iskop li nxtrat ghalih *stante* li ma tistax tinstaq fit-triq kif spejgat fid-dettall fl-Ittra Ufficjali 4762/10 … Illi l-vettura in kwistjoni ilha sa mill-20 ta' Novembru 2010 ghand il-kumpanija intimata, u minkejja diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju, il-kumpanija intimata baqghet tirrifjuta li toffri rimedju skond il-ligi lir-rikorrenti." L-Ittra Ufficjali msemmija tat-3 ta' Dicembru 2010 ma gietx esebita u ghalhekk il-Qorti dwar il-gustifikazzjoni *o meno* tat-talba ghandha biss dak li jirrizulta mic-Cedola ta' Depozitu fol 55 tal-process. Mic-Cedola jirrizulta li Carmelo Abdilla kellu diversi drabi jiehu l-vettura ghand Auto Sales Limited minhabba hsara inspjegabbli fejn id-*dashboard* ma baqax jiffunzjona u bdew jigu senjalati numru ta' hsarat, fosthom fl-*air bags* u fil-*brakes* u nxteghel il-*warning light* li javza lis-sewwieq biex iwaqqaf il-vettura b'mod immedjat.

Dan iwassal lill-Qorti biex tqis li l-hrug tal-mandat kien *prima facie* gustifikat. Anqas ma jista' jitqies li l-ammont kien wiehed **ECCESSIV**. Dwar l-aspett li fic-cirkostanzi ma jkunx **RAGONEVOLI LI JINZAMM FIS-SEHH** l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti ma thossx li l-mandat ma ghandux jibqa' fis-sehh tenut kont ta' dak li ntqal fuq.

Certament li m'humiex applikabbli d-disposti dwar **PENALI.** L-artikolu 836 (8) (b) jghid li penali tista' tigi imposta:

"jekk, fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed:

Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;"

Ghalhekk ma tilqax it-talba dwar penali.

Dwar it-talba ghal **DANNI** dawn huma applikabbli fil-kazijiet li jaqghu taht is-sub-artikolu (8) ta' l-artikolu 836. Kif ghadu kif inghad dan ma hux applikabbli.

**D. KONKLUZJONIJIET:**
Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan ir-rikors billi tichad l-istess rikors.

Spejjez ta' din il-procedura kontra Auto Sales Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------